# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru 1075/22TA**

**E.T.V. Limited (C5698)**

**vs**

**Johnny Camilleri (KI:0187506L)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' E.T.V Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tal-10 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "Illi s-socjeta esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata ma white goods u home appliances fost merkanzija ohra;
>
> Illi l-konvenut j'opera hanut fil-qasam tal-bejgh ta' white goods u ordna minghand is-socjeta esponenti numru ta' merkanzija;
>
> Illi s-socjeta attrici ikkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta mill-konvenut stess u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-fatturi mahruga lilu;
>
> Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta esponenti fl-ammont ta' sitta u tletin elf, sebgha u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€36,097.25) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-istess konvenut;
>
> Illi l-konvenut, imsejjah diversi drabi sabiex jissalda d-debitu minnu dovut baqa inadempjenti w ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna;

Illi d-debitu ta' sitta u tletin elf, sebgha u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€36,097.25) huwa cert, likwidu u dovut u dawn il-fatti huma mgharufa minn Raymond Micallef (KI:433965M), li qieghed jikkonferma l-istess bil-gurament tieghu u jiddikjara li safejn jaf hu, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra din it-talba.

Ghaldaqstant, is-socjeta esponenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, titlob li din l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' sitta u tletin elf, sebgha u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€36,097.25);

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi individwali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subbizzjoni."

Rat li Johnny Camilleri (il-konvenut) notifikat kif trid il-liġi, baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata kif titlob il-liġi u għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti u dokumenti fil-kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa mis-Soċjeta' Attriċi.

Rat li l-Qorti ikkonċediet lill-konvenut jippresenta nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta iżda baqa' inadempjenti.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Is-Soċjeta' Attriċi hija importatriċi fost oħrajn ta' prodotti u merkanzija ta' *white goods* u *home appliances*. Min-naħa tiegħu, il-konvenut li ukoll

jikkumerċja f'dan il-qasam kien għamel diversi ordnijiet u xtara mingħand is-Soċjeta' Attriċi din ix-xorta ta' merkanzija.

Il-konvenut xtara mingħand is-Soċjeta' Attriċi ammont minn din il-merkanzija fl-ammont ta' €36,097.25. Ma jirrisultax li l-konvenut qatt kellu xi ilmenti dwar din il-merkanzija. B'dana kollu minkejja li kien mitlub diversi drabi biex jgħaddi għall-ħlas baqa' inadempjenti.

Għalhekk is-Soċjeta' Attriċi qed tagħmel din il-Kawża biex titħallas dan l-ammont.

**Punti legali**

Il-vertenza legali hija pjuttost sempliċi. Il-bejgħ huwa kuntratt, fejn il-venditur jikkonsenja l-oġġett mixtri u x-xerrej huwa mistenni li jħallas il-prezz ta' dak li xtara. Di fatti l-artikolu 1346 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi: "*Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha*". F'bejgħ l-obbligu tax-xerrej huwa dak li jħallas il-prezz tal-ħaġa mibjugħa, filwaqt li l-obbligi tal-bejjiegħ huma dawk li jikkunsinnaha lix-xerrej u jiggarantihielu. (ara **Sentenza tas-6 ta' Diċembru, 2005 fl-ismijiet Fabian Enterprises Limited -vs- Joe Grima eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem J & S Car Hire**).

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat id-dokumenti esebiti mis-Soċjeta' Attriċi u semgħet ix-xhieda ta' Fiona Vucinovic prodotta mis-Soċjeta' Attriċi fejn ikkonfermat li l-ammont mitlub għadu dovut u li minnu ma tħallas xejn.

Il-konvenut dehrlu li l-anqas kellu għalfejn jikkontesta l-Kawża u dan minkejja li din il-Qorti tatu l-opportunita' li anke jippresenta risposta ġuramentata. Għalhekk, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ammont li qed jintalab mis-Soċjeta' Attriċi huwa dovut skont il-liġi għaliex huwa fondat kemm fil-fatt u kif ukoll fil-liġi.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba għaliex hija eżawrita.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont ta' sitta u tletin elf, sebgħa u disgħin punt ħamsa u għoxrin ewro (€36,097.25) bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**